MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2007

Rikors Numru. 40/2007

George **XUEREB**

vs

**L-AVUKAT ĠENERALI**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fid-9 ta' Lulju, 2007, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, ir-rikorrent talab li l-Qorti (1) tiddikjara li l-Ordni mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti Istruttorja fl-14 ta' Ġunju, 2007, se' jservi biex jikser id-drittijiet fondamentali tiegħu billi mhux se' jingħata smigħ xieraq minn Tribunal Indipendenti u Imparzjali bi ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u inoltre billi tali ordni jmur kontra d-dritt fondamentali tiegħu li ma jinkriminax ruħu bi kwalsijasi mod u manjiera u okkorrendo f'din l-aħħar istanza tiddikjara li l-artikolu tal-liġi relattiv ċjoe' l-artikolu

397(3) tal-Kodiċi Kriminali jammonta għal vjolazzjoni tad-dritt tal-akkużat; (2) tordna r-revoka ta' l-istess ordni sew fejn ħatret bħala espert tal-marki tas-swaba' lill-ex uffiċjal tal-Pulizija John Mallia u kif ukoll fejn il-Qorti tal-Maġistrati ordnat li jerġgħu jittieħdu l-marki tas-swaba' tiegħu mill-istess imsemmi espert u li jkun dan l-espert li jqabbilhom; u (3) li din il-Qorti tagħti kull provvediment ieħor xieraq u opportun fiċ-ċirkostanzi;

Rat id-degriet tagħha tat-12 ta' Lulju, 2007, li bih appuntat ir-Rikors għas-smigħ tat-18 ta' Lulju, 2007, u ordnat in-notifika lill-intimat;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimat fit-18 ta' Lulju, 2007, li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija, talab li din il-Qorti, qabel xejn, tagħżel li ma tismax il-kawża għall-finijiet tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni għaliex ir-rikorrent naqas li jdur għal rimedju ordinarju li kellu għad-dispożizzjoni tiegħu qabel ma għażel li jressaq din il-proċedura kostituzzjonali, u għalhekk l-għażla tiegħu li jmexxi b'dan il-mod hija waħda fiergħa u qabel waqtha, għaliex hi maħsuba biss biex ittawwal bla bżonn il-proċeduri li qegħdin jittieħdu kontrih quddiem il-Qorti tal-Maġistrati. Fil-mertu, jgħid li ma seħħ l-ebda ksur tal-jeddijiet tar-rikorrent, la taħt il-Kostituzzjoni u lanqas taħt il-Konvenzjoni;

Rat id-degriet tagħha tat-18 ta' Lulju, 2007, li bih irregolat it-tmexxija 'l quddiem tal-kawża fid-dawl tal-eċċezzjoni preliminari tal-intimat;

Rat in-Nota mressqa mir-rikorrent fid-19 ta' Lulju, 2007;

Rat in-Nota mressqa mill-intimat fil-25 ta' Settembru, 2007, li biha iddikjara li ma kellux provi xi jressaq dwar l-imsemmija ewwel eċċezzjoni preliminari;

Semgħet it-trattazzjoni ta' l-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tas-27 ta' Settembru, 2007, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza fuq l-ewwel eċċezzjoni preliminari dwar jekk il-Qorti għandhiex tagħżel li twettaq is-setgħat tagħha li tisma' din il-kawża;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni dwar allegat ksur ta' jeddijiet fundamentali waqt smigħ ta' proċeduri kriminali meħuda kontra r-rikorrent. Ir-rikorrent jilminta minn ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq minħabba degriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta bħala Qorti Istruttorja fl-14 ta' Ġunju, 2007. Fl-imsemmi degriet[1], u wara li semgħet ix-xhieda ta' Joseph Mallia (espert tal-marki tas-swaba') dik il-Qorti ordnat li jerġgħu jittieħdu l-marki tas-swaba' tar-rikorrent u kif ukoll il-marki tal-palmi ta' idejh. Huwa jgħid li b'dak id-degriet ġarrab ksur tal-jedd fundamentali tiegħu li ma jiġix imġiegħel jinkrimina ruħu, b'li jgħid jew b'li jagħmel, u wkoll dak li t-teħid tal-marki tas-swaba' u tal-palmi ta' idejh minn persuna li għal żmien kienet membru fil-korp tal-Pulizija jikser il-ħtieġa ta' imparzjalita' u indipendenza bi ksur tal-artikoli 39(1) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni;

Illi l-intimat qiegħed jgħid li r-rikorrent ma kellux għalfejn jagħmel din il-kawża biex jindirizza l-ilmenti tiegħu imma messu ikkontesta d-degriet bil-mod li l-liġi proċedurali tagħtih li jagħmel kieku tassew jeżisti l-periklu għas-smigħ xieraq tal-kawża tiegħu. Huwa għalhekk ressaq l-eċċezzjoni li din il-Qorti jmissha tieqaf milli tisma' l-kawża minħabba li r-rikorrent naqas li jinqeda b'rimedju "ordinarju" qabel ma għadda għall-azzjoni "kostituzzjonali";

Illi din id-deċiżjoni qegħda tingħata dwar dik l-eċċezzjoni;

Illi bħala <u>fatti rilevanti li joħorġu mill-atti</u> jirriżulta li kontra r-rikorrent għad hemm pendenti proċeduri kriminali

[1] Ara kopja tiegħu f'paġ. 15 tal-proċess

mressqin fl-1997 quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja. Jirriżulta wkoll li dwar l-istess proċeduri, r-rikorrent kien fetaħ kawża kostituzzjonali dwar allegat nuqqas ta' smigħ xieraq fi żmien raġonevoli, li ntemmet b'eżitu favorevoli għalih[2]. Waqt seduta miżmuma fl-14 ta' Ġunju ta' din is-sena quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja, wara li l-atti ġew rinvjati lilha mill-Avukat Ġenerali, ittieħdet ix-xhieda ta' Joseph Mallia, li żmien qabel kien inħatar bħala espert mill-istess Qorti. Wara li ta x-xhieda tiegħu, l-uffiċjal prosekutur talab li dik il-Qorti tordna t-teħid mill-ġdid tal-marki tas-swaba' u tal-palmi tal-idejn tar-rikorrent. Dak il-ħin, l-avukat difensur tal-imputat (ir-rikorrent) oppona għat-talba, iżda l-Qorti ċaħdet dik l-oppożizzjoni u ħatret lill-imsemmi Joseph Mallia "sabiex fil-preżenza tagħha jitteħdu l-impronti diġitali u l-impronti tal-palmi tal-idejn" tar-rikorrent. Minnufih, l-avukat difensur talab lill-Qorti biex "tissospendi li jiġi esegwit dan l-inkarigu" biex iressaq proċeduri kostituzzjonali biex jattakka dik l-ordni. Dik il-Qorti issospendiet l-esekuzzjoni tal-inkariku u tat lir-rikorrent xahar żmien biex jippreżenta r-rikors kostituzzjonali opportun u jdaħħal kopja tiegħu fl-atti tal-kumpilazzjoni. Ir-rikorrent ressaq din il-kawża fid-9 ta' Lulju, 2007;

Illi l-Qorti se' tgħaddi issa biex tqis l-eċċezzjoni preliminari mqanqla mill-intimat li, kulma jmur, qegħda titressaq b'mod regolari u konsistenti fil-proċeduri kostituzzjonali. X'aktarx ukoll li dan jiġri għaliex ħafna jagħtu lok għaliha billi jagħżlu li jfittxu r-rimedju "kostituzzjonali" qabel waqtu. Il-<u>konsiderazzjonijiet ta' dritt</u> marbutin mal-eċċezzjoni taħt eżami huma llum il-ġurnata stabiliti b'mod konsistenti mill-qrati Maltin. Din il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha toqgħod terġa' tfissirhom, u tillimita ruħha biex tirreferi għas-sentenza tagħha tat-30 ta' Ġunju, 2005, fil-kawża ***Tretyak vs Direttur taċ-Ċittadinanza u Expatriate Affairs***[3], li kienet konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta' Jannar, 2006. L-istess Qorti għadha żżomm l-istess prinċipji kif muri fl-aħħar deċiżjoni li ngħatat dan l-aħħar dwar l-istess eċċezzjoni[4];

---

[2] P.A. Kost. GV maqtugħa fit-**28.1.2005** (Rik. Kost. Nru. 14/03) u li saret ġudikat.

[3] Rik. Kost. Nru. 22/05JRM

[4] Kost. **31.10.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Caruana et vs Il-Prim Ministru et*** (Rik. Kost. 44/06)

Illi meta jissemma li jkun hemm riemedju ieħor xieraq, irid jintwera li dan ikun rimedju aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat[5]. M'hemmx għalfejn li, biex jitqies bħala effettiv, ir-rimedju jintwera bħala wieħed li se' jagħti lir-rikorrent suċċess garantit, biżżejjed li jintwera li jkun wieħed li jista' jiġi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi[6]. L-eżistenza li tassew ikun (jew kien) hemm rimedju alternativ xieraq trid tintwera mill-intimat li fuqu jaqa' l-piż tal-prova biex jikkonvinċi lil din il-Qorti biex tagħżel li ma teżerċitax is-setgħat tagħha biex tisma' l-kawża;

Illi wara li l-Qorti qieset il-fatti li jirrigwardaw dan il-każ, u rat il-provi mressqa s'issa, hija tasal għall-fehma li għandha tilqa' l-istedina tal-intimat;

Illi l-Qorti tara li r-rikorrent kellu – u għad għandu – disponibbli rimedju ordinarju li bih seta' jattakka l-ordni magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta għażlet li tqabbad lil Joseph Mallia biex jieħu l-marki tas-swaba' u tal-palmi ta' jdejn l-istess rikorrent. Fuq kollox, dak ir-rimedju, li huwa miftuħ lil kull parti interessata f'kawża fejn jirrigwarda ordni jew degriet interlokutorju, huwa rimedju li seta' u messu tressaq fi ħdan l-istess proċediment. Dan għaliex ir-rikorrent seta' jitlob lil dik il-Qorti biex terġa' tirrikonsidra mill-ġdid l-ordni tagħha u, jekk jagħmel sottomissjonijiet xierqa (imqar billi jressaq argumenti fuq il-biżgħa li seta' kellu dwar il-ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq), kien jista' jikseb ordni "*contrario imperio*" u, forsi jekk hekk jidher xieraq u meħtieġ, il-ħatra ta' ħaddieħor. Fuq kollox, huwa rimedju li dwaru kien għal kollox fis-setgħa tal-Qorti tal-Maġistrati li tagħti fehma meqjusa, ukoll fid-dawl ta' linji-gwida li llum il-ġurnata huma stabiliti u ċċarati b'deċiżjonijiet studjati u konsistenti mogħtija mill-ogħla Qorti kostituzzjonali kompetenti f'dan ir-rigward[7];

---

[5] Ara Kost **5.4.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXV.i.106**)
[6] P.A. Kost. **9.3.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Clifton Borġ vs Kummissarju tal-Pulizija*** (mhix pubblikata)
[7] Ara, per eżempju, Kost. **31.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Melchior Spiteri vs Avukat Ġenerali***

Illi fit-trattazzjoni tiegħu quddiem din il-Qorti, l-għaref difensur tar-rikorrent irraġuna li l-kawża kostituzzjonali kellu jiftaħha minħabba li kienet il-Qorti tal-Maġistrati li imponietlu terminu biex imexxiha 'l quddiem. Qari kif imiss tal-verbal tas-smigħ in kwestjoni juri li dan ma kienx il-każ. Kien l-istess difensur tal-imputat (rikorrent) li, hekk kif il-Qorti Istruttorja ordnat it-teħid minn Joseph Mallia tal-marki tas-swaba' u tal-palmi tal-idejn tal-imputat, talab mill-ewwel is-sospensjoni ta' dik l-ordni sabiex ikun jista' jressaq kawża kostituzzjonali. Minflok talab it-tħassir ta' dik l-ordni jew żmien biex iressaq rikors jew minflok "qanqal il-kwestjoni kostituzzjonali" dak il-ħin, għażel it-triq li għal darb'oħra jiftaħ proċedura kostituzzjonali ġdida. Rinfaċċata b'dak l-atteġġament, il-Qorti Istruttorja ma kellhiex għażla oħra ħlief li tissospendi l-ordni u tagħti żmien lir-rikorrent biex jagħmel dak li talabha. Huwa sinjifikativ li, meta ressaq it-talbiet tiegħu f'din il-kawża (l-iżjed meta wieħed jara t-tieni talba tar-Rikors), ir-rikorrent talba sewwasew dak li seta' talab kieku nqeda bir-rimedju "ordinarju";

Illi huwa minnu li, fl-ewwel talba tiegħu, r-rikorrent qiegħed jinvoka wkoll ksur ta' jedd fundamentali minħabba d-dispożizzjonijiet ta' artikolu partikolari tal-Kodiċi Kriminali. Fil-każijiet normali, din ir-raġuni waħedha kienet twassal biex din il-Qorti twarrab l-istedina li għamlilha l-intimat u tgħaddi biex tisma' l-kawża fil-mertu. Fejn tidħol kwestjoni ta' liġi li allegatament tikser xi jedd fundamentali, l-ebda rimedju "ordinarju" ma jista' jissemma bħala mod kif dak il-ksur jissewwa, u hija biss din il-Qorti fl-attributi tagħha kostituzzjonali jew konvenzjonali li tista' tqis u tiddeċiedi dwar allegazzjoni bħal dik jew ilment bħal dan. Iżda fil-każ tal-lum l-ilment tar-rikorrent dwar l-artikolu 397 tal-Kodiċi huwa wieħed "sussidjarju", mitlub "okkorrendo" u, fuq kollox, magħmul dipendenti fuq it-tħassir tal-ordni mogħti mill-Qorti Istruttorja. Fi kliem ieħor, huwa ilment li se' jitlob stħarriġ akkademiku minn din il-Qorti dwar konsegwenza li, kif jgħid ir-rikorrent innifsu fl-ewwel talba tiegħu, "sejra sservi" biex twassal għall-ksur ta' jedd fundamentali;

Illi bosta drabi ngħad li lment dwar ksur ta' jedd fundamentali ma jistax jissejjes fuq każ ipotetiku[8], u l-Qorti m'għandhiex tistħarrġu jekk kemm-il darba ma jkunx seħħ il-fatt jew jidher li sejjer inevitabilment iseħħ. Minbarra dan, biex din il-Qorti tistħarreġ ilment ta' ksur ta' jedd fundamentali (speċjalment fejn l-allegazzjoni tkun tirreferi għal ksur li jseħħ waqt proċediment f'qorti), trid issir il-prova speċifika f'dan is-sens għaliex il-ksur ma jistax jiġi stabilit *a priori* jew meħud għalih waħdu maqtugħ mill-bqija tal-proċedura li fiha allegatament seħħ[9];

Illi meta l-Qorti tiġi biex tapplika l-prinċipji hawn fuq imfissra għall-każ li għandha quddiemha ssib li allura hemm raġunijiet tajbin biżżejjed biex tagħżel li ma twettaqx is-setgħat speċjali tagħha fil-kompetenza kostituzzjonali jew konvenzjonali tagħha u dan fid-dawl tal-fatt li r-rikorrent naqas li jieħu r-rimedji l-oħra li kellu u għad għandu disponibbli għalih qabel irrikorra għall-azzjoni kostituzzjonali;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tilqa' l-eċċezzjoni proċedurali** tal-intimati u tiddikjara li r-rikorrent naqas li jieħu rimedji ġudizzjarji oħrajn xierqa biex jistħarreġ l-ilmenti tiegħu u jħares jeddijietu, u għalhekk tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha kostituzzjonali jew konvenzjonali, u teħles lill-intimati milli jibqgħu fil-kawża, bl-**ispejjeż kontra r-rikorrent**.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[8] Kost. **30.4.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Pulizija vs Camilleri et*** (Kollez. Vol: **LXXVII.i.72**); u P.A. Kost TM **15.5.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Nażżareno sive Reno Żarb vs Avukat Ġenerali***

[9] Kost. **15.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Gregorio sive Godwin Scicluna vs Avukat Ġenerali et***